II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 878/2010

tas-6 ta' Ottubru 2010

li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 [2] jistipula r-regoli li jikkonċernaw il-livell miżjud tal-kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali elenkati fl-Anness I, f'punti tad-dħul fit-territorji msemmijin fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

(2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jistipula li l-lista fl-Anness I tiegħu għandha tkun irriveduta regolarment, u mill-inqas kull tliet xhur, filwaqt li għandhom minn tal-inqas jiġu meqjusa s-sorsi ta' informazzjoni imsemmijin f'dan l-Artikolu.

(3) L-okkorrenza u r-rilevanza ta' inċidenti li jinvolvu l-ikel innotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Għalf u għall-Ikel (RASFF), is-sejbiet tal-missjonijiet f'pajjiżi terzi li jitwettqu mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju, kif ukoll ir-rapporti ta' kull tliet xhur li jridu jpoġġu għad-disponiment tal-kontrolli uffiċjali fil-fruntieri tagħhom l-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, jindikaw li jeħtieġ li tiġi rriveduta l-lista fl-Anness I għar-Regolament imsemmi. B'mod partikolari, l-Anness I tiegħu jrid jiġi rrivedut billi jitħassru dawk il-prodotti li dwarhom is-sorsi ta' informazzjoni msemmijin hawn fuq juru grad ġeneralment soddisfaċenti ta' konformità mal-kundizzjonijiet rilevanti tal-UE dwar is-sikurezza u li għalhekk ma għadux ġustifikat livell għoli ta' kontroll uffiċjali, u billi jiżdiedu prodotti oħra li dwarhom l-istess sorsi juru grad ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet rilevanti tal-UE rigward is-sikurezza li jiġġustifika l-introduzzjoni ta' livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali.

(4) L-emendi għall-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 669/2009 stipulati f'dan ir-Regolament għandhom isiru applikabbli kemm jista' jkun malajr biex jintemmu l-kontrolli uffiċjali ta' livell għoli għal dawk il-prodotti li jitneħħew mil-lista u jibdew dawn il-kontrolli fuq dawk il-prodotti li jiżdiedu mal-lista.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 669/2009 huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

"ANNESS I

A **Għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali li huma soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fil-punt tad-dħul magħżul**

Għalf u Ikel (l-użu maħsub)	Il-kodiċi NM ([1])	Pajjiż ta' origini	Riskju	Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u fuq l-identità (%)
— Karawett, bil-qoxra	1202 10 90	L-Arġentina	Aflatossini	10
— Karawett, bla qoxra	1202 20 00			
— Butir tal-karawett	2008 11 10			
— Karawett, ippreparat jew ippriservat b'xi mod ieħor	2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98			
(Għalf u Ikel)				
— Karawett, bil-qoxra	1202 10 90	Il-Brażil	Aflatossini	50
— Karawett, bla qoxra	1202 20 00			
— Butir tal-karawett	2008 11 10			
— Karawett, ippreparat jew ippriservat b'xi mod ieħor	2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98			
(Għalf u Ikel)				
Taljarini mnixxfa *(Ikel)*	ex 1902	Iċ-Ċina	Aluminju	10
Oligoelementi ([2]) *(Għalf u Ikel)*	ex 2817 00 00; ex 2820 90 10; ex 2820 90 90; ex 2821 10 00; ex 2825 50 00; ex 2833 25 00; ex 2833 29 20; ex 2833 29 80; ex 2836 99 11; ex 2836 99 17	Iċ-Ċina	Kadmju u ċomb	50
— Mango	ex 0804 50 00	Ir-Repubblika Domenikana	Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi Multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi Singulari (*)	50
— Il-Fażola twila Ċiniża *(Vigna sesquipedalis)*	ex 0708 20 00; ex 0710 22 00			
— Bettiħa morra *(Momordica charantia)*	ex 0709 90 90; ex 0710 80 95			
— Kalabaxx lawki *(Lagenaria siceraria)*	ex 0709 90 90; ex 0710 80 95			
— Bżar	0709 60 10; 0709 60 99; 0710 80 51; 0710 80 59			
— Brunġiel	0709 30 00; ex 0710 80 95			
(Ikel – frott u ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)				

Għalf u Ikel (l-użu maħsub)	Il-kodiċi NM ([1])	Pajjiż ta' origini	Riskju	Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u fuq l-identità (%)
— Laringè (frisk jew imnixxef)	0805 10 20; 0805 10 80	L-Eġittu	Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi Multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS u b'metodi ta' residwi Singulari (**)	10
— Langas	0809 30 90			
— Rummien	ex 0810 90 95			
— Frawli	0810 10 00			
— Fażola ħadra	ex 0708 20 00			
(Ikel – frott u ħaxix friski)				
— Karawett, bil-qoxra	1202 10 90	Il-Gana	Aflatossini	50
— Karawett, bla qoxra	1202 20 00			
— Butir tal-karawett	2008 11 10			
(Għalf u Ikel)				
Weraq tal-kari *(Bergera/ Murraya koenigii)* *(Ikel – ħwawar friski)*	ex 1211 90 85	L-Indja	Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi Multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS u b'metodi ta' residwi Singulari (***)	10
— Bżar aħmar *(Capsicum annuum)*; sħiħ	ex 0904 20 10	L-Indja	Aflatossini	50
— Bżar aħmar *(Capsicum annuum)*, imfarrak jew mitħun	ex 0904 20 90			
— Noċemuskata *(Myristica fragrans)*	0908 10 00			
— Il-qoxra barranija tan-noċemuskata *(Myristica fragrans)*	0908 20 00			
— Żinżel *(Zingiber officinale)*	0910 10 00			
— Curcuma longa *(żagħfran tal-Indja)*	0910 30 00			
(Ikel – ħwawar (li jaħirqu) imnixxfin)				
— Karawett, bil-qoxra	1202 10 90	L-Indja	Aflatossini	10
— Karawett, bla qoxra	1202 20 00			
— Butir tal-karawett	2008 11 10			
— Karawett, ippreparat jew ippriservat b'xi mod ieħor	2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98			
(Għalf u Ikel)				

Għalf u Ikel (l-użu maħsub)	Il-kodiċi NM ([1])	Pajjiż ta' origini	Riskju	Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u fuq l-identità (%)
Dulliegħ *(egusi, Citrullus lanatus)* iż-żerriegħa u prodotti dderivati minnu *(Ikel)*	ex 1207 99 97; ex 1106 30 90; ex 2008 99 99;	In-Niġerja	Aflatossini	50
Ross Basmati għall-konsum dirett mill-bniedem *(Ikel – ross miħun)*	ex 1006 30	Il-Pakistan	Aflatossini	20
— Bżar aħmar *(Capsicum annuum)*; sħiħ — Bżar aħmar *(Capsicum annuum)*, imfarrak jew miħun *(Ikel – ħwawar (li jaħirqu) imnixxfin)*	ex 0904 20 10 ex 0904 20 90	Il-Perù	Aflatossini u Okratossin A	10
— Weraq tal-kosbor — Ħabaq (tulsi - *Ocimum tenuiflorum*, ħabaq komuni) — Minta *(Ikel – ħwawar friski)*	ex 0709 90 90 ex 1211 90 85 ex 1211 90 85	It-Tajlandja	Salmonella (****)	10
— Weraq tal-kosbor — Ħabaq (tulsi - *Ocimum tenuiflorum*, ħabaq komuni) *(Ikel – ħwawar friski)*	ex 0709 90 90 ex 1211 90 85	It-Tajlandja	Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi Multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS u b'metodi ta' residwi Singulari (*****)	20
— Il-Fażola twila Ċiniża *(Vigna sesquipedalis)* — Brunġiel — Ħxejjex brassika *(Ikel – frott u ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)*	ex 0708 20 00; ex 0710 22 00 0709 30 00; ex 0710 80 95 0704; ex 0710 80 95	It-Tajlandja	Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi Multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS u b'metodi ta' residwi Singulari (*****)	50
— Bżar — Qara' bali — Tadam *(Ikel – frott u ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)*	0709 60 10; 0709 60 99; 0710 80 51; 0710 80 59 0709 90 70; ex 0710 80 95 0702 00 00; 0710 80 70	It-Turkija	Pestiċidi: metomil u ossamil	10
Lanġas (Ikel)	0808 20 10; 0808 20 50	It-Turkija	Pestiċidi: amitraz	10
Għeneb imnixxef (frott taddielja) *(Ikel)*	0806 20	L-Użbekistan	Okratossina A	50

Għalf u Ikel (l-użu maħsub)	Il-kodiċi NM (1)	Pajjiż ta' origini	Riskju	Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u fuq l-identità (%)
— Karawett, bil-qoxra	1202 10 90	Il-Vjetnam	Aflatossini	10
— Karawett, bla qoxra	1202 20 00			
— Butir tal-karawett	2008 11 10			
— Karawett, ippreparat jew ippriservat b'xi mod ieħor	2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98			
(Għalf u Ikel)				
— Bżar aħmar *(Capsicum annuum)*, imfarrak jew miṫun	ex 0904 20 90	Il-pajjiżi terzi kollha	Żebgħat tas-Sudan	20
— Prodotti tal-bżar aħmar (kari)	0910 91 05			
— *Curcuma longa* (żagħfran tal-Indja)	0910 30 00			
(Ikel – ħwawar (li jaħirqu) imnixxfin)				
— Żejt aħmar tal-palm	ex 1511 10 90			
(Ikel)				

(*) Partikolarment ir-residwi ta': l-Amitraz, l-Aċefat, l-Aldikarb, il-Benomil, il-Karbendazim, il-Klorfenapir, il-Klorpirifos, is-CS2 (Ditjokarbamati), id-Djafentjuron, id-Djazinon, id-Diklorvos, id-Dikofol, id-Dimetoat, l-Endosulfan, il-Fenamidon, l-Imidakloprid, il-Malatjon, il-Metamidofos, il-Metjokarb, il-Metomil, il-Monokrotofos, l-Ometoat, l-Oksamil, il-Profenofos, il-Propikonazol, it-tjabendazol, it-Tjakloprid.

(**) Partikolarment ir-residwi ta': il-Karbendazim, iċ-Ċiflutrin, iċ-Ċiprodinil, id-Djazinon, id-Dimetoat, l-Etjon, il-Fenitrotjon, il-Fenpropatrin, il-Fludjoksonil, il-Heksaflumuron, il-Lambda kiħalotrin, il-Metjokarb, il-Metomil, l-Ometoat, l-Oksamil, il-Fentoat, it-Tijofanat metil.

(***) Partikolarment ir-residwi ta': it-Trijażofos, l-Oxidemeton metil, il-Klorpirifos, l-Aċetamiprid, it-Tjametoksam, il-Klotjanidin, il-Metamidofos, l-Aċefat, il-Propargit, il-Monokrotofos.

(****) Il-metodu ta' referenza EN/ISO 6579.

(*****) Partikolarment ir-residwi ta': l-Aċefat, il-Karbaril, il-Karbendazim, il-Karbofuran, il-Klorpirifos, il-Klorpirifos-etil, id-Dimetoat, l-Etjon, il-Malatjon, il-Metalaksil, il-Metamidofos, il-Metomil, il-Monokrotofos, l-Ometoat, il-Profenofos, il-Protjofos, il-Kwinalfos, it-Trijadimefon, it-Trijazofos, id-Dikrotofos, l-EPN, u t-Triforin.

(1) Fejn ikun meħtieġ li jkunu eżaminati biss ċerti prodotti li huma elenkati taħt kwalunkwe kodiċi NM u ma teżisti l-ebda sottodiviżjoni taħt dak il-kodiċi fin-nomenklatura tal-prodotti, il-kodiċi NM ikun immarkat 'ex' (pereżempju ex 1006 30: ir-ross Basmati biss għall-konsum dirett mill-bniedem huwa inkluż).

(2) L-oligoelementi msemmijin f'dan ir-reġistru huma traċċi ġejjin mill-grupp funzjonali ta' komposti ta' traċċi msemmijin fil-punt 3(b) tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29). Għandhom ikunu soġġetti għall-kontrolli miżjuda stipulati f'dan ir-Regolament ukoll meta jkunu impurtati biex jintużaw fl-ikel.

B **Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan l-Anness, 'Żebgħat tas-Sudan' jirreferi għas-sustanzi kimiċi li ġejjin:

(i) Is-Sudan I (Numru CAS 842-07-9);

(ii) Is-Sudan II (Numru CAS 3118-97-6);

(iii) Is-Sudan III (Numru CAS 85-86-9);

(iv) L-Aħmar Skarlat; jew is-Sudan IV (Numru CAS 85-83-6)."